Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2016/0014(COD)

16.12.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (COM(2016)0031 – C8-0015/2016 – 2016/0014(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Karima Delli

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Valutazzjoni tal-qafas legali tal-Unjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, imwettqa fl-2013[11], uriet li l-qafas stabbilit mid-Direttiva 2007/46/KE huwa addattat sabiex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-armonizzazzjoni, it-tħaddim effettiv tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta u, għalhekk, ***għandu*** jkompli jiġi applikat.	(3) Valutazzjoni tal-qafas legali tal-Unjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, imwettqa fl-2013[11], uriet li l-qafas stabbilit mid-Direttiva 2007/46/KE huwa addattat sabiex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-armonizzazzjoni, it-tħaddim effettiv tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta u, għalhekk, ***jenħtieġ li*** jkompli jiġi applikat. ***Il-kompetizzjoni ġusta teħtieġ, inter alia, armonizzazzjoni aħjar tal-istandards ta' kwalità għall-konformità tal-produzzjoni, livelli uniformement għolja tat-testijiet teknoloġiċi, tariffi simili, u r-rispett tal-prinċipji tal-indipendenza u t-trasparenza tul il-katina ta' verifikazzjoni.***
[11]Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Kontroll tal-Idoneità tal-qafas legali tal-UE għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur" (SWD(2013) 466 finali).	[11]Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Kontroll tal-Idoneità tal-qafas legali tal-UE għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur" (SWD(2013) 466 finali).

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji armonizzati għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u	(6) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji armonizzati għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u

l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, u l-approvazzjoni tal-vettura individwali, bil-għan li ***jiġi żgurat il-funzjonament*** xieraq tas-suq intern għall-benefiċċju tan-negozji u l-konsumaturi u ***jiġi offrut*** livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent.	l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, u l-approvazzjoni tal-vettura individwali, bil-għan li ***tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' standards ta' kwalità għolja għall-verifikazzjoni tal-konformità tal-produzzjoni, li jiġi permess il-funzjonament*** xieraq tas-suq intern għall-benefiċċju tan-negozji u l-konsumaturi u ***li jiġu offrut*** livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 7 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura proċeduri ta' approvazzjoni tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq affidabbli, armonizzati u trasparenti fl-Istati Membri.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għandha tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip permezz tat-titjib tad-dispożizzjonijiet dwar il-konformità tal-produzzjoni billi, ***inter alia***, ***tipprovdi*** awditjar perjodiku obbligatorju tal-metodi ta' kontroll tal-konformità u l-konformità kontinwa tal-prodotti kkonċernati u ***t-tisħiħ*** tar-rekwiżiti relatati mal-kompetenza, l-obbligi u l-prestazzjoni tas-servizzi tekniċi li jwettqu t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura sħiħa taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip. Il-funzjonament xieraq tas-servizzi tekniċi huwa kruċjali sabiex ***jiġi żgurat*** livell għoli	(9) Għandha tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip permezz tat-titjib tad-dispożizzjonijiet dwar il-konformità tal-produzzjoni billi ***jingħata aċċess aħjar għall-informazzjoni***, ***billi jiġi stabbilit qafas sod għat-tekniki ta'ottimizzazzjoni matul it-testijiet fil-laboratorju, billi tingħata attenzjoni partikolari għar-riskju ta' apparat illegali ta' manipulazzjoni li l-użu tiegħu hu pprojbit mir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill1[1a]***, ***billi jiġi previst*** awditjar perjodiku obbligatorju tal-metodi ta' kontroll tal-konformità u l-konformità

ta' sikurezza***, protezzjoni*** u ***l-ambjent*** u l-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema. Il-kriterji għad-dežinjazzjoni tas-servizzi tekniċi pprovduti mid-Direttiva 2007/46/KE għandhom jiġu stabbiliti f'iktar dettall tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tagħhom. Il-metodi ta' valutazzjoni tas-servizzi tekniċi fl-Istati Membri għandhom tendenza li jvarjaw b'mod progressiv minħabba l-kumplessità tal-ħidma tagħhom. Għalhekk, hemm bżonn li ***jiġi pprovdut għal*** obbligi proċedurali li jiżguraw skambju tal-informazzjoni u monitoraġġ tal-prattiki tal-Istati ***membri*** għall-valutazzjoni, id-dežinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi tagħhom. Dawn l-obbligi proċedurali għandhom ineħħu kwalunkwe diskrepanza eżistenti fil-metodi użati u fl-interpretazzjoni tal-kriterji għad-dežinjazzjoni tas-servizzi tekniċi.

kontinwa tal-prodotti kkonċernati u ***permezz tat-tisħiħ*** tar-rekwiżiti relatati mal-kompetenza, l-obbligi u l-prestazzjoni tas-servizzi tekniċi li jwettqu t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura sħiħa taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip. Il-funzjonament xieraq tas-servizzi tekniċi huwa kruċjali sabiex ***jiġu żgurati*** livell għoli ta' sikurezza u ***ta' protezzjoni ambjentali,*** u l-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema. Il-kriterji għad-dežinjazzjoni tas-servizzi tekniċi pprovduti mid-Direttiva 2007/46/KE għandhom jiġu stabbiliti f'iktar dettall ***b'mod li*** tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tagħhom. Il-metodi ta' valutazzjoni tas-servizzi tekniċi fl-Istati Membri għandhom tendenza li jvarjaw b'mod progressiv minħabba l-kumplessità ***miżjuda*** tal-ħidma tagħhom. Għalhekk, hemm bżonn li ***jiġu previsti*** obbligi proċedurali li jiżguraw skambju tal-informazzjoni u monitoraġġ tal-prattiki tal-Istati ***Membri*** għall-valutazzjoni, id-dežinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi tagħhom. Dawn l-obbligi proċedurali għandhom ineħħu kwalunkwe diskrepanza eżistenti fil-metodi użati u fl-interpretazzjoni tal-kriterji għad-dežinjazzjoni tas-servizzi tekniċi.

[1a] Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 12 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-problemi attwali fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip kixfu dgħufijiet importanti fis-sistemi nazzjonali eżistenti għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-approvazzjoni tat-tip. Għaldaqstant hemm bżonn li, bħala reazzjoni immedjata għall-fallimenti li b'hekk inkixfu, tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex twettaq il-kompiti superviżorji xierqa.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Madankollu, sabiex jiġi żgurat li s-sistema superviżorja tkun aktar trasparenti, indipendenti u effiċjenti fuq żmien twil, hemm bżonn li l-qafas istituzzjonali għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-approvazzjoni tat-tip jiġi eżaminat mill-ġdid. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora l-alternattivi kollha possibbli biex ittejjeb il-qafas istituzzjonali għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-approvazzjoni tat-tip.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 12c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12c) Meta tkun qed twettaq ir-rieżami tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina l-alternattivi kollha possibbli biex jittejjeb il-qafas istituzzjonali għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-approvazzjoni tat-tip u l-aktar mod xieraq biex tiżgura livell għoli ta' għarfien espert tekniku, armonizzazzjoni tal-kontrolli u garanzija ta' indipendenza totali, b'mod li

tiżgura l-funzjonament effiċjenti tas-suq intern għall-benefiċċju tal-konsumaturi u l-impriżi, kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika u l-ambjent. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni, matul ir-rieżami tagħha, tqis ir-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet possibbli tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Kejl tal-Emissjonijiet fis-Settur Awtomobilistiku ("il-Kumitat EMIS") tal-Parlament Ewropew.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) prototipi ta' vetturi.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) vetturi ***mfassla*** u mibnija għall-użu mill-forzi armati, mid-difiża ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar u mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku;	(b) vetturi ***ddisinjati*** u mibnija għall-użu mill-forzi armati, mid-difiża ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar***, mill-korpi għall-ġestjoni tad-diżastri*** u mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku;

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) 'sorveljanza tas-suq' tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq sabiex jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-	(2) 'sorveljanza tas-suq' tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq sabiex jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-

komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-parts u t-tagħmir magħmula disponibbli fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti u ma jipperikolawx is-saħħa, is-sikurezza jew kwalunkwe aspett ieħor tal-protezzjoni tal-interess pubbliku;	komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-parts u t-tagħmir ***imqiegħda*** fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti u ma jipperikolawx is-saħħa, is-sikurezza***, l-ambjent*** jew kwalunkwe aspett ieħor tal-protezzjoni tal-interess pubbliku ***inklużi d-drittijiet tal-konsumatur***;

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) 'kontroll tal-konformità waqt is-servizz' tfisser it-testijiet fil-bank tat-test u l-kejl fuq it-triq imwettqa mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, bħala parti mis-sorveljanza tas-suq, biex jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-parts u t-tagħmir, li jkunu diġà rreġistrati fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u ma jipperikolawx is-saħħa, is-sikurezza jew kwalunkwe aspett ieħor tal-protezzjoni tal-interess pubbliku;

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) 'awtorità tas-sorveljanza tas-suq' tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għat-twettiq tas-sorveljanza tas-suq fit-territorju ***tal-Istat*** Membru;	(13) 'awtorità tas-sorveljanza tas-suq' tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet nazzjonali***, indipendenti minn kwalunkwe awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, li huma*** responsabbli għat-twettiq tas-sorveljanza tas-suq fit-territorju ***ta' Stat*** Membru ***partikolari***;

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) 'reġistrazzjoni' tfisser l-awtorizzazzjoni amministrattiva ***temporanja jew permanenti*** għad-dħul fis-servizz fit-traffiku bit-triq ta' vettura, ***inkluża*** l-identifikazzjoni ***tal-vettura*** u l-ħruġ ta' numru tas-serje;	(16) 'reġistrazzjoni' tfisser l-awtorizzazzjoni amministrattiva għad-dħul fis-servizz fit-traffiku bit-triq ta' vettura, ***li tinvolvi*** l-identifikazzjoni ***tagħha*** u l-ħruġ ta' numru tas-serje ***għaliha, li għandu jkun magħruf bħala n-numru ta' reġistrazzjoni, kemm jekk fuq bażi permanenti jew temporanja u kemm jekk għal żmien qasir***;

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) 'informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura' tfisser l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-dijanjożi, il-manutenzjoni, l-ispezzjoni, il-monitoraġġ perjodiku, it-tiswija, l-ipprogrammar mill-ġdid jew l-inizjalizzazzjoni mill-ġdid ta' vettura, kif ukoll għall-immuntar ta' parts u tagħmir fuq il-vetturi***,*** u ***li tiġi pprovduta mill-manifattur lill-bejjiegħa awtorizzati u lil min isewwi***, inklużi l-emendi u ż-żidiet sussegwenti kollha għal dik l-informazzjoni;	(46) 'informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura' tfisser l-informazzjoni kollha ***li hija*** meħtieġa għad-dijanjożi, il-manutenzjoni, l-ispezzjoni, il-monitoraġġ perjodiku, it-tiswija, l-ipprogrammar mill-ġdid jew l-inizjalizzazzjoni mill-ġdid ta' vettura, kif ukoll għall-immuntar ta' parts u tagħmir fuq il-vetturi u ***għall-appoġġ dijanjostiku mill-bogħod għall-vetturi***, inklużi l-emendi u ż-żidiet sussegwenti kollha għal dik l-informazzjoni;

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 56 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56a) 'garanzija tas-sigurtà tas-sistemi elettroniċi' tfisser it-teħid ta' miżuri xierqa

	bl-aħjar teknoloġija attwali għas-salvagwardja tal-unitajiet ta' kontroll tal-magna, tas-sistemi ta' inforikreazzjoni, tal-komponenti tal-hardware u s-software tagħhom, u tas-sistemi għat-trasferiment tal-informazzjoni ġewwa l-vetturi u 'l barra minnhom, kontra l-manipulazzjoni, l-interferenza jew l-użu ħażin.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Article 3 – paragraph 1 – point 56 b (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56b) 'prototipi ta' vetturi' tfisser vetturi li jintużaw fit-triq taħt ir-responsabbiltà ta' manifattur sabiex iwettaq programm ta' ttestjar speċifiku, diment li dawn ikunu nbnew speċifikament għal dak il-għan.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jaħtru l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar it-twaqqif u l-ħatra ta' tali awtoritajiet**.**	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jaħtru l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar it-twaqqif u l-ħatra ta' tali awtoritajiet ***u għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza jiġu awditjati b'mod regolari.***

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dik in-notifika għandha tinkludi l-isem ta' dawk l-awtoritajiet, l-indirizz tagħhom, inkluż l-indirizz elettroniku tagħhom, kif ukoll il-kompetenzi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha lista tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, flimkien mad-dettalji tagħhom.	Dik in-notifika għandha tinkludi l-isem ta' dawk l-awtoritajiet, l-indirizz tagħhom, inkluż l-indirizz elettroniku tagħhom, kif ukoll il-kompetenzi ***awditjati*** tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha lista tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, flimkien mad-dettalji tagħhom.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu sorveljanza tas-suq u kontrolli tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li jidħlu fis-suq, b'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.	4. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu sorveljanza tas-suq u kontrolli tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li jidħlu fis-suq, b'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 ***u għandhom iqiegħdu r-riżultati tagħhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mingħajr ħlas, fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni, fi żmien xahar mill-konklużjoni tat-testijiet ikkonċernati. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jwettqu attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq konġunti għall-finijiet tal-Artikolu 8.***

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***jistgħu***, fejn jaraw li hu meħtieġ u ġġustifikat,	5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ***jingħataw is-setgħa***, fejn jaraw li hu

ikunu intitolati li jidħlu fil-bini tal-operaturi ekonomiċi u ***jissekwestraw il-kampjuni*** meħtieġa ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għal skopijiet ta' ttestjar tal-konformità.

meħtieġ u ġġustifikat ***biss***, jidħlu fil-bini tal-operaturi ekonomiċi ***fl-Istati Membri rispettivi*** u ***jiddefinixxu l-kampjuni*** meħtieġa ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għal skopijiet ta' ttestjar tal-konformità. ***Meta jiġu kkonfermati każijiet ta' nuqqas ta' konformità, l-Istati Membri għandhom jinforzaw kwalunkwe miżura li tirrikjedi t-teħid ta' azzjoni korrettiva, bħal sejħa lura, tiswija rikjesta, kumpens u l-impożizzjoni ta' penali.***

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom ***jirrevedu*** u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' approvazzjoni tat-tip tagħhom. It-tali ***reviżjonijiet*** u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull ***erba'*** snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u ***lill-Kummissjoni***. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari n-numru ***tal-approvazzjoni*** tat-tip mogħtija u l-identità tal-manifatturi korrispondenti.	6. L-Istati Membri għandhom ***jeżaminaw mill-ġdid*** u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' approvazzjoni tat-tip tagħhom ***u l-kwalità tal-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija***. It-tali ***rieżamijiet*** u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull ***tliet*** snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn***, lill-Kummissjoni*** u***, fuq talba, lil partijiet terzi***. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari n-numru ***tal-approvazzjonijiet*** tat-tip mogħtija ***jew miċħuda*** u l-identità tal-manifatturi korrispondenti ***u t-tipi tal-vetturi***.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom ***jirrevedu*** u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza	7. L-Istati Membri għandhom ***jeżaminaw mill-ġdid*** u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta'

tagħhom. It-tali ***reviżjonijiet*** u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull ***erba'*** snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u ***lill-Kummissjoni***. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku.

sorveljanza tagħhom. It-tali ***rieżamijiet*** u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull ***tliet*** snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn***, lill-Kummissjoni*** u***, fuq talba, lil partijiet terzi***. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku ***ġenerali, b'mod partikolari n-numru ta' dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament u l-identità tal-manifatturi u t-tipi tal-vetturi korrispondenti***.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 6 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Titjib tas-superviżjoni tas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-approvazzjoni tat-tip
	Il-Kummissjoni għandha tesplora l-alternattivi kollha possibbli biex ittejjeb il-qafas istituzzjonali għas-superviżjoni tas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-approvazzjoni tat-tip, inkluż l-fattibbiltà, l-ispejjeż u l-benefiċċji possibbli li tiġi stabbilita awtorità Ewropea indipendenti għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-approvazzjoni tat-tip, u għandha, jekk ikun xieraq, tressaq proposta leġiżlattiva sa Diċembru 2018 biex taġġorna l-qafas istituzzjonali bi qbil mal-Artikoli 90a u 90b.
	Sakemm possibbilment tiġi stabbilita l-istruttura Ewropea, il-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka biex twettaq testijiet, ispezzjonijiet u kontrolli tal-konformità ex post indipendenti, u għandha tqiegħed ir-riżultati ta' dawk it-testijiet, ispezzjonijiet u verifiki għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-awtorità tal-approvazzjoni Ewropej kollha għandhom jinterpretaw u jinforzaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament b'mod uniformi u konsistenti sabiex jilħqu l-istess livell operattiv u jevitaw l-applikazzjoni ta' standards diverġenti madwar l-Unjoni.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta awtorità ta' approvazzjoni tiġi infurmata skont l-Artikoli 8(5), 9(5), 52(4) jew 54, din għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex ***tirrevedi*** l-approvazzjoni mogħtija u, fejn ikun xieraq, tikkoreġi jew tirtira l-approvazzjoni skont ir-raġunijiet u s-serjetà ***tad-devjazzjonijiet murija***.	4. Meta awtorità ta' approvazzjoni tiġi infurmata skont l-Artikoli 8(5), 9(5), 52(4) jew 54, din għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex ***teżamina mill-ġdid*** l-approvazzjoni mogħtija u, fejn ikun xieraq, tikkoreġi jew tirtira l-approvazzjoni skont ir-raġunijiet ***għad-devjazzjonijiet murija*** u s-serjetà ***tagħhom u għandha b'mod sistematiku u mingħajr dewmien tinnotifika l-Kummissjoni dwar l-azzjoni meħuda***.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** biex ***tistabbilixxi l-kriterji*** komuni għall-ħatra, ***ir-reviżjoni*** u l-valutazzjoni tal-awtoritajiet tal-	5. Il-Kummissjoni ***qed tingħata s-setgħa*** tadotta atti ***delegati bi qbil mal-Artikolu 88*** biex ***jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu kriterji***

approvazzjoni fil-livell nazzjonali. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).***	komuni għall-ħatra, ***ir-rieżami*** u l-valutazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni fil-livell nazzjonali.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu l-kontrolli regolari sabiex jivverifikaw il-konformità tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament kif ukoll il-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip. Dawk il-kontrolli għandhom isiru fuq skala adegwata, permezz ta' kontrolli dokumentarji u permezz ta' testijiet ***b'impettu*** reali u ***tal-laboratorju*** fuq il-bażi ta' kampjuni statistikament rilevanti. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom ***jikkunsidraw il-prinċipji*** stabbiliti tal-valutazzjoni tar-riskju, l-ilmenti u informazzjoni oħra.	1. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu l-kontrolli regolari sabiex jivverifikaw il-konformità tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament kif ukoll il-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip ***u meta jagħmlu dan għandhom jagħtu attenzjoni għall-istandards ta' sikurezza u dawk ambjentali***. Dawk il-kontrolli għandhom isiru fuq skala adegwata, permezz ta' kontrolli dokumentarji u permezz ta' testijiet ***f'kundizzjonijiet ta' sewqan*** reali u ***fil-laboratorju*** fuq il-bażi ta' kampjuni statistikament rilevanti***, li jirriflettu l-għadd ta' vetturi fl-Istat Membru kkonċernat***. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom ***iqisu l-prinċipji*** stabbiliti tal-valutazzjoni tar-riskju, ***inklużi*** l-ilmenti***, il-popolarità tal-mudelli tal-vetturi u l-parts tagħhom, ir-riżultati tat-testijiet imwettqa minn partijiet terzi, it-teknoloġiji ġodda fis-suq, ir-rapporti li jirriżultaw mill-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi*** u informazzjoni oħra.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	Meta jiġu ddeżinjati s-servizzi tekniċi għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jiżguraw li jintuża servizz tekniku differenti minn dak li jkun wettaq it-testijiet relatati mal-approvazzjoni tat-tip oriġinali.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom ***jitolbu lill-operaturi*** ekonomiċi ***sabiex jagħmlu d-dokumentazzjoni*** u l-informazzjoni ***disponibbli skont kif iqisu meħtieġ*** għall-fini tat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.	2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom ***jirrikjedu li l-operaturi*** ekonomiċi ***jqiegħdu għad-dispożizzjoni minnufih id-dokumentazzjoni*** u l-informazzjoni ***kollha ta' dan it-tip li jqisu meħtieġa*** għall-fini tat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta awtorità tas-sorveljanza tas-suq tirrikjedi aktar informazzjoni rigward manifattur li ma jkunx kiseb l-approvazzjoni tat-tip għal vettura fit-territorju tagħha, hija għandha titlob dik l-informazzjoni mill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq fl-Istat Membru fejn tkun ingħatat l-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kkonċernata. Din l-aħħar awtorità tas-sorveljanza tas-suq għandha tkun responsabbli biex tiċċentralizza t-talbiet kollha ta' dan it-tip u għandha taġixxi bħala punt ta' kuntatt mal-manifattur.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex javżaw lill-utenti fit-territorji tagħhom ***f'perjodu ta'*** żmien ***adegwat*** dwar il-perikli li jkunu identifikaw b'rabta ma' xi vettura, sistema, komponent u unità teknika separata sabiex jipprevjenu jew inaqqsu r-riskju ta' korriment jew ħsara oħra.	4. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex javżaw lill-utenti fit-territorji tagħhom ***fi*** żmien ***30 jum*** dwar il-perikli li jkunu identifikaw b'rabta ma' xi vettura, sistema, komponent u unità teknika separata sabiex jipprevjenu jew inaqqsu r-riskju ta' korriment jew ħsara oħra.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jiżguraw l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament b'mod li jipprovdu ċ-ċertezza għall-manifatturi

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru tista' tieħu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. Għandhom josservaw il-kunfidenzjalità fejn ikun hemm bżonn sabiex iħarsu s-sigrieti kummerċjali, soġġett għll-obbligu ***ta'*** informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) ***kemm ikun*** hemm bżonn sabiex ikunu protetti l-interessi tal-utenti fl-Unjoni ***Ewropea.***	6. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. ***B'mod partikolari, fir-rigward tal-arranġamenti amministrattivi, tekniċi u finanzjarji, għandhom jaġixxu b'mod kompletament indipendenti, u għandu jkun hemm firda stretta bejniethom u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, is-servizzi tekniċi u l-manifatturi.*** Għandhom josservaw il-kunfidenzjalità fejn ikun hemm bżonn sabiex iħarsu s-sigrieti kummerċjali, soġġett għall-obbligu ***li jipprovdu*** informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) ***sal-livell massimu li jkun*** hemm bżonn sabiex ikunu protetti l-interessi tal-utenti fl-Unjoni***.***

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom ***jirrevedu*** u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. It-tali ***reviżjonijiet*** u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull ***erba' snin*** u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u ***lill-Kummissjoni***. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku.	7. L-Istati Membri għandhom ***jeżaminaw mill-ġdid*** u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. It-tali ***rieżamijiet*** u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull ***sentejn*** u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn***, lill-Kummissjoni, lill-Forum imsemmi fl-Artikolu 10*** u***, fuq talba, lil partijiet terzi. Matul ir-rieżami, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal-livell ta' indipendenza li juru l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom u għal-livell teknoloġiku tat-testijiet imwettqa***. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati ***faċilment*** aċċessibbli għall-pubbliku***, b'mod partikolari fir-rigward tal-għadd ta'***

	vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jinstab li ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament, flimkien mal-identità tal-manifatturi korrispondenti.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri differenti għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq tagħhom, jikkooperaw ma' xulxin u jaqsmu ma' xulxin u mal-Kummissjoni r-riżultati tagħhom. Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jaqblu fuq il-qsim tax-xogħol u l-ispeċjalizzazzjoni.	8. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri differenti għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq tagħhom, jikkooperaw ma' xulxin u jaqsmu ma' xulxin u mal-Kummissjoni r-riżultati tagħhom. ***Għal dan il-għan, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri jistgħu jaqsmu ma' xulxin, permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern, ir-riżultati tat-testijiet u r-rapporti assoċjati.*** Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jaqblu fuq il-qsim tax-xogħol u l-ispeċjalizzazzjoni.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ***ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi*** l-kriterji ***għall-istabbiliment tal-iskala***, il-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza li biha jridu jsiru l-kontrolli tal-verifiki tal-konformità tal-kampjuni meħudin ***imsemmijin*** fil-paragrafu 1. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).***	10. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ***delegati bi qbil mal-Artikolu 88 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu*** l-kriterji ***rigward l-iskala***, il-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza li biha jridu jsiru l-kontrolli tal-verifiki tal-konformità tal-kampjuni meħudin***, kif imsemmi*** fil-paragrafu 1.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha torganizza u twettaq, jew ***teħtieġ*** li jitwettqu, ***fuq skala adegwata***, testijiet u spezzjonijiet ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin ***għad-dispożizzjoni*** fis-suq, bil-għan li tivverifika li dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mal-approvazzjonijiet tat-tip u l-leġiżlazzjoni applikabbli kif ukoll biex ***tiġi żgurata*** l-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip.	Il-Kummissjoni għandha torganizza u twettaq, jew ***tirrikjedi*** li jitwettqu, ***bi qbil mal-Artikolu 8(1)***, testijiet u spezzjonijiet ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin fis-suq, bil-għan li tivverifika li dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mal-approvazzjonijiet tat-tip u l-leġiżlazzjoni applikabbli kif ukoll biex ***tiżgura*** l-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip. ***Meta dawk it-testijiet u spezzjonijiet jitwettqu minn servizz tekniku, huma m'għandhomx isiru mill-istess servizz tekniku li jkun intuża biex isiru t-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip oriġinali.***

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	It-testijiet u l-ispezzjonijiet organizzati u mwettqa mill-Kummissjoni, jew bil-mandat tagħha, għandhom jiffokaw fuq il-konformità waqt is-servizz tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati. Il-Kummissjoni għandha tibbaża t-testijiet u l-ispezzjonijiet tagħha fuq il-prinċipji tal-valutazzjoni tar-riskju u għandha tuża l-informazzjoni miksuba minn riċerka mwettqa minn partijiet terzi indipendenti.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk it-testijiet u spezzjonijiet jistgħu jsiru fuq vetturi ***ġodda forniti*** mill-manifatturi jew l-operatur ekonomiku kif previst fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt.	Dawk it-testijiet u spezzjonijiet jistgħu jsiru fuq vetturi***, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda fornuti*** mill-manifatturi jew l-operatur ekonomiku kif previst fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawn it-testijiet u spezzjonijiet jistgħu ***iseħħu fil-każ ta'*** vetturi rreġistrati bi qbil mad-detentur ***ta' reġistrazzjoni*** tal-vettura.	Dawn it-testijiet u spezzjonijiet jistgħu ***jsiru wkoll fuq*** vetturi rreġistrati bi qbil mad-detentur ***tar-reġistrazzjoni*** tal-vettura. ***Fil-każijiet ta' dan it-tip, għandhom jitwettqu t-testijiet kollha li jitqiesu meħtieġa u mhux neċessarjament dawk imwettqa matul l-ewwel proċedura ta' approvazzjoni tat-tip biss. L-awtorità nazzjonali responsabbli biex twettaq dawk it-testijiet m'għandhiex tkun l-istess li tkun wettqet it-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip inizjali.***

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-manifatturi li jkollhom approvazzjoni tat-tip jew l-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba, ***għandhom*** jipprovdu lill-Kummissjoni, numru statistikament rilevanti ta' vetturi tal-produzzjoni, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati magħżulin mill-Kummissjoni li ***huma*** rappreżentattivi ***għall-vetturi***, ***sistemi***, ***komponenti*** u ***unitajiet*** tekniċi separati disponibbli ***għat-tqegħid*** fis-suq ***b'dik l-approvazzjoni*** tat-	2. Il-manifatturi li jkollhom approvazzjoni tat-tip jew l-operaturi ekonomiċi ***l-oħra*** għandhom, fuq talba, għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, numru statistikament rilevanti ta' vetturi tal-produzzjoni, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati magħżulin mill-Kummissjoni li ***jkunu*** rappreżentattivi ***tal-vetturi***, ***is-sistemi***, ***il-komponenti*** u ***l-unitajiet*** tekniċi separati disponibbli ***għall-introduzzjoni*** fis-suq ***bl-approvazzjoni*** tat-

tip. Dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jiġu fornuti għall-ittestjar f'tali żmien u post u ***għall-perjodu*** li ***tkun teħtieġ il-Kummissjoni***.	tip ***ikkonċernata***. Dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jiġu fornuti għall-ittestjar f'tali żmien u post u ***għal tali perjodu*** li ***tista' tirrikjedi l-Kummissjoni***.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom ***jagħmlu d-dejta li hija*** meħtieġa għall-fini tal-ittestjar tal-verifika tal-konformità ***minn partijiet terzi pubblika***. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi ***d-dejta*** li għandha ***ssir pubblika*** u l-kundizzjonijiet ***għal tali pubblikazzjoni***, soġġett għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u ***l-preservazzjoni tad-dejta*** personali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).	4. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom ***jipprovdu d-data kollha*** meħtieġa għall-fini tal-ittestjar tal-verifika tal-konformità ***mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni***. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi ***d-data*** li għandha ***tiġi pprovduta*** u l-kundizzjonijiet ***biex dan isir***, soġġett għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u ***l-preżervazzjoni tad-data*** personali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi li l-vetturi ttestjati jew spezzjonati ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' approvazzjoni tat-tip stabbiliti f'dan ir-Regolament jew kwalunkwe att regolatorju elenkat fl-Anness IV jew li l-approvazzjoni tat-tip tkun ingħatat abbażi ta' ***dejta*** inkorretta, din għandha titlob skont l-Artikolu 54(8) ***mingħajr dewmien lill-operatur ikkonċernat biex*** jieħu l-miżuri korrettivi kollha meħtieġa biex iġib il-	Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi li l-vetturi***, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati*** ttestjati jew spezzjonati ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' approvazzjoni tat-tip stabbiliti f'dan ir-Regolament jew kwalunkwe att regolatorju elenkat fl-Anness IV jew li l-approvazzjoni tat-tip tkun ingħatat abbażi ta' ***data*** inkorretta, din għandha***, mingħajr dewmien,*** titlob ***lill-operatur ikkonċernat,*** skont l-Artikolu 54(8)***,*** jieħu l-miżuri

vetturi f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, jew inkella ***jieħu*** miżuri restrittivi, jew billi titlob lill-operatur ekonomiku biex jirtira l-vetturi kkonċernati mis-suq, jew li ***ssejjaħhom*** lura f'perjodu raġonevoli ta' żmien, skont is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità stabbilit.	korrettivi kollha meħtieġa biex iġib il-vetturi***, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati*** f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, jew inkella ***tieħu*** miżuri restrittivi, jew billi titlob lill-operatur ekonomiku biex jirtira l-vetturi***, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati*** kkonċernati mis-suq, jew li ***jsejjaħhom*** lura f'perjodu raġonevoli ta' żmien, skont is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità stabbilit.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar is-sejbiet tagħha wara kull test ta' verifika tal-konformità li twettaq.	Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar is-sejbiet tagħha ***fi żmien tliet xhur*** wara kull test ta' verifika tal-konformità li twettaq.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u ***tippresjedi*** Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar ("il-Forum").	Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi**,** tippresjedi u ***tissorvelja*** Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar ("il-Forum").

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-Forum għandu jkun magħmul minn membri maħturin mill-Istati Membri.	Dan il-Forum għandu jkun magħmul minn membri maħturin mill-Istati Membri ***u***

mill-Parlament Ewropew.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kompiti ta' ***konsulenza*** tiegħu għandhom jinkludu, inter alia, il-promozzjoni ta' prassi tajba, l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-problemi ta' infurzar, il-kooperazzjoni, l-iżvilupp ta' metodi tax-xogħol u għodod, ***żvilupp*** ta' proċedura ta' skambju ta' informazzjoni elettronika, l-evalwazzjoni ta' proġetti ta' infurzar armonizzati, ***il-penali***, u ***l-ispezzjonijiet*** konġunti.	Il-kompiti ta' ***koordinazzjoni*** tiegħu għandhom jinkludu, inter alia, il-promozzjoni ta' prassi tajba, l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-problemi ta' infurzar, il-kooperazzjoni, l-iżvilupp ta' metodi tax-xogħol u għodod, ***l-iżvilupp*** ta' proċedura ta' skambju ta' informazzjoni elettronika, l-evalwazzjoni ta' proġetti ta' infurzar armonizzati, ***l-impożizzjoni tal-penali***, u ***t-twettiq tal-ispezzjonijiet*** konġunti.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala president, għandha tistabbilixxi databaži pubblika fuq l-internet għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE bejn l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, il-Kummissjoni u partijiet terzi. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-operazzjoni tal-portal, b'mod partikolari l-manutenzjoni tad-databaži tal-approvazzjonijiet tat-tip, inklużi aġġornamenti regolari tagħha, koordinazzjoni tal-informazzjoni li tkun trid tiddaħħal mal-awtoritajiet rilevanti, is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tad-data, filwaqt tqis il-ħarsien tas-sigrieti kummerċjali. ***L-informazzjoni miżmuma fid-databaži***

	għandha tkun ibbażata fuq dik ipprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip skont l-Artikolu 25.
	Il-Kummissjoni għandha tinkludi għodda biex jittellgħu r-riżultati tat-testijiet, ir-rapporti rigward ħsarat u l-ilmenti ppreżentati minn partijiet terzi indipendenti dwar il-prestazzjoni tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi oħra. L-informazzjoni u d-data ta' dan it-tip li jiġu ppreżentati għandhom jinfirdu b'mod ċar mill-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali. L-informazzjoni ppreżentata minn partijiet terzi indipendenti għandha tintuża mill-Forum fl-ambitu tar-responsabilitajiet tiegħu.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-Forum għandu jeżamina r-riżultati tal-kontrolli tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali previsti mill-Artikolu 7 sakemm jidħlu fis-seħħ il-fatturi ta' konformità f'Settembru 2017.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Il-Forum għandu jkollu l-awtorità li jwettaq awditjar konġunt tal-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip biex jivverifika li jkunu qed jimplimentaw b'mod konsistenti r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li jkunu qed iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u rigoruż. Dan l-awditjar għandu jinkludi

	verifika tal-proċeduri nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip li jkunu ġew implimentati, kontroll fuq kampjun każwali tal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa u żjara fuq il-post lil servizz tekniku li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità li tkun qed tiġi rieżaminata. Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa fl-awditjar u għandha tiddeċiedi abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju jekk tixtieqx tipparteċipa.
	Jekk l-awditjar juri li l-awtorità kkonċernata tkun naqset milli tikkonforma ma' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-Forum għandu jinforma minnufih lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha ***tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 88 biex*** tistabbilixxi l-għamla, il-proċess ta' ħatra, il-kompiti ddettaljati, il-metodi ta' ħidma u r-regoli tal-proċedura tal-Forum.	3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-għamla, il-proċess ta' ħatra, il-kompiti ddettaljati, il-metodi ta' ħidma u r-regoli tal-proċedura tal-Forum.

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 88 li jissupplimentaw lil dan ir-Regolament billi jistabbilixxu l-kriterji li skonthom l-applikazzjonijiet għal eżenzjoni mill-projbizzjoni ta' apparat ta' manipulazzjoni

	tal-kontroll tal-emissjonijiet tal-vetturi bi qbil mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għandhom jiġu evalwati u l-kundizzjonijiet li skonthom tali applikazzjonijiet jistgħu jiġu approvati jew miċħuda.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li s-sistemi elettroniċi fil-vetturi jkunu sikuri. Għal kull applikazzjoni għal approvazzjoni ta' tip ġdid ta' vettura jew għal estensjoni tagħha, u għal approvazzjoni tas-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati rilevanti mmuntati fil-vetturi ta' dak it-tip, il-manifattur għandu jippreżenta lill-awtorità tal-approvazzjoni deskrizzjoni preċiża tas-salvagwardji kontra l-manipulazzjoni.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 88 biex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu l-arranġamenti dettaljati li jiżguraw li s-sistemi elettroniċi jkunu mħarsa mill-manipulazzjoni.

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligi tal-manifatturi ***dwar*** il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati jew il-parts u t-tagħmir tagħhom li ***mhumiex*** f'konformità jew li jippreżentaw riskju ***serju***	Obbligi tal-manifatturi ***rigward*** il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati jew il-parts u t-tagħmir tagħhom li ***ma jkunux*** f'konformità jew li jippreżentaw riskju ***għall-ambjent, għas-saħħa u għas-sikurezza***

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikollu aċċess għall-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22 u għaċ-ċertifikat ta' konformità msemmi fl-Artikolu 34 f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Dokumentazzjoni bħal din għandha ***tkun magħmula disponibbli għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni*** għal perjodu ta' għaxar snin wara ***t-tqegħid*** fis-suq ta' vettura u għal perjodu ta' ħames snin wara ***t-tqegħid*** fis-suq ta' sistema, komponent jew unità teknika separata;	(a) ikollu aċċess għall-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22 u għaċ-ċertifikat ta' konformità msemmi fl-Artikolu 34 f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Dokumentazzjoni bħal din għandha ***titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq*** għal perjodu ta' għaxar snin wara ***l-introduzzjoni*** fis-suq ta' vettura u għal perjodu ta' ħames snin wara ***l-introduzzjoni*** fis-suq ta' sistema, komponent jew unità teknika separata;

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***isegwi*** talba motivata minn awtorità tal-approvazzjoni, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata;	(b) ***b'segwitu għal*** talba motivata minn awtorità tal-approvazzjoni, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata***, inkluża kwalunkwe speċifikazzjoni teknika użata fl-approvazzjoni tat-tip, u jipprovdi aċċess***

	għas-software u l-algoritmi kif mitlub;

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligi tad-distributuri ***dwar*** il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati tagħhom li ***mhumiex*** f'konformità jew ***dwar*** il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati, il-parts jew it-tagħmir tagħhom li jippreżentaw riskju ***serju***	Obbligi tad-distributuri ***rigward*** il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati tagħhom li ***ma jkunux*** f'konformità jew ***rigward*** il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati, il-parts jew it-tagħmir tagħhom li jippreżentaw riskju ***għall-ambjent, għas-saħħa u għas-sikurezza***

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Id-distributur li*** jikkunsidra li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li ***huwa*** jkun qiegħed ***għad-disponibbiltà*** fis-suq ***mhumiex*** f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jgħarraf lill-manifattur ***jew lill-importatur*** sabiex jiżgura li jittieħdu l-miżuri xierqa meħtieġa sabiex tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jinġiebu f'konformità, jew inkella jirtirahom jew ***isejħilhom lura mis-suq***, kif xieraq, b'konformità mal-Artikolu 12(1) jew mal-Artikolu 15(1).	2. ***Meta distributur*** jikkunsidra li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li jkun qiegħed ***għad-dispożizzjoni*** fis-suq ***ma jkunux*** f'konformità ma' dan ir-Regolament***, dan*** għandu jgħarraf ***lill-Kummissjoni,*** lill-manifattur***, lill-importatur u lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni u ta' sorveljanza tas-suq*** sabiex jiżgura li jittieħdu l-miżuri xierqa meħtieġa sabiex tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jinġiebu f'konformità, jew inkella jirtirahom ***mis-suq*** jew ***joħroġ sejħa biex jiġborhom lura***, ***skont*** kif ***ikun*** xieraq, b'konformità mal-Artikolu 12(1) jew mal-Artikolu 15(1).

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-istadju finali tal-ikkompletar għandha tingħata biss wara li l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip approvat ta' vettura fl-istadju finali jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi applikabbli kollha fil-mument tal-approvazzjoni. Verifika għandha tinkludi kontroll dokumentarju tar-rekwiżiti kollha koperti minn approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura mhux kompleta mogħtija matul il-kors tal-proċedura f'diversi stadji, anki meta din tkun ingħatat għal kategorija differenti ta' vettura.	4. L-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-istadju finali tal-ikkompletar għandha tingħata biss wara li l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip approvat ta' vettura fl-istadju finali jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi applikabbli kollha fil-mument tal-approvazzjoni. Verifika għandha tinkludi kontroll dokumentarju tar-rekwiżiti kollha koperti minn approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura mhux kompleta mogħtija matul il-kors tal-proċedura f'diversi stadji, anki meta din tkun ingħatat għal kategorija differenti ta' vettura. ***Din għandha tinkludi wkoll verifika li l-prestazzjoni tas-sistemi li ngħataw approvazzjoni tat-tip b'mod separat tkun għadha konformi mal-imsemmija approvazzjonijiet tat-tip meta inkorporati f'vettura sħiħa.***

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***id-dejta***, it-tpinġijiet, ir-ritratti u l-informazzjoni rilevanti l-oħra kollha;	(b) ***id-data***, it-tpinġijiet, ir-ritratti u l-informazzjoni rilevanti l-oħra kollha***, inklużi l-istrateġiji kollha ta' ġestjoni tal-magna mħaddma f'kundizzjonijiet differenti ta' użu***;

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità tal-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi għandu jkollhom aċċess ***għas-softwer*** u l-algoritmi tal-vettura.	L-awtorità tal-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi għandu jkollhom aċċess ***għas-software*** u l-algoritmi tal-vettura. ***Sabiex jissodisfaw l-obbligi speċifikati fl-***

	Artikolu 8 u għall-finijiet tal-verifika tal-konformità speċifikata fl-Artikolu 9, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess għas-software u l-algoritmi tal-vettura.

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Tali aċċess għandu jkopri s-software u l-hardware relatati mal-ambjent u mas-sikurezza, inklużi l-algoritmi għas-sistemi u s-sottosistemi tal-vettura li jkunu meħtieġa għall-verifika u l-approvazzjoni. L-istat tas-software għandu jiġi identifikat b'tali mod li kwalunkwe bidla tkun immedjatament evidenti.

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, fi żmien xahar minn meta toħroġ jew temenda ċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, tibgħat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni kopja taċ-ċertifikat ***ta' approvazzjoni*** tat-tip tal-UE, flimkien mad-dokumenti mehmuża inklużi r-rapporti tat-testijiet imsemmijin fl-Artikolu 23, għal kull tip ta' vettura, sistema, komponent u unità teknika li hija approvat. Dik il-kopja għandha tintbagħat permezz ta' sistema sigura u komuni ta' skambju elettroniku jew fil-forma ta' fajl elettroniku sigur.	1. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, fi żmien xahar minn meta toħroġ jew temenda ċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, tibgħat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni kopja taċ-ċertifikat ***tal-approvazzjoni*** tat-tip tal-UE, flimkien mad-dokumenti mehmuża ***deskritti fl-Annessi I u III,*** inklużi r-rapporti tat-testijiet imsemmijin fl-Artikolu 23, għal kull tip ta' vettura, sistema, komponent u unità teknika li hija approvat. ***Id-dokumenti mehmuża għandhom jinkludu minn tal-inqas data rigward:*** ***- il-massa/piżijiet tal-vettura tat-test*** ***- it-temperatura tat-test;***

	- il-koeffiċjenti tat-tagħbija fit-triq;
	- it-tagħmir mhux essenzjali użat matul l-ittestjar (sistemi tal-kontroll tal-klima, sistemi tal-awdjo u tal-midja, eċċ.);
	- id-dettalji tat-tajers (mudell, daqs, pressjoni);
	- il-punti fejn jinbidlu l-gerijiet speċifiċi għall-vettura;
	- il-modalità tas-sewwieq attivata matul l-ittestjar;
	- ir-reżistenzi ajrudinamiċi;
	- ir-reżistenza tal-vettura tat-test milli tinqaleb;
	- is-servizzi tekniċi użati f'kull stadju.
	Dik il-kopja għandha tintbagħat permezz ta' sistema sigura u komuni ta' skambju elettroniku jew fil-forma ta' fajl elettroniku sigur.

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta mitluba minn awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru ieħor jew il-Kummissjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi dik it-talba, tibgħat lill-awtorità tal-approvazzjoni rikjedenti kopja taċ-ċertifikat ***ta' approvazzjoni*** tat-tip tal-UE, flimkien mad-dokumenti mehmuża***, permezz ta' sistema sigura*** u ***komuni ta' skambju elettroniku jew fil-forma ta' fajl elettroniku sigur.***	3. Meta mitluba minn awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru ieħor jew il-Kummissjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi dik it-talba, tibgħat lill-awtorità tal-approvazzjoni rikjedenti kopja taċ-ċertifikat ***tal-approvazzjoni*** tat-tip tal-UE, flimkien mad-dokumenti mehmuża ***deskritti fl-Annessi I*** u ***III. Dawn id-dokumenti mehmuża għandhom jinkludu minn tal-inqas data rigward:***
	- il-massa/piżijiet tal-vettura tat-test
	- it-temperatura tat-test;
	- il-koeffiċjenti tat-tagħbija fit-triq;

- it-tagħmir mhux essenzjali użat matul l-ittestjar (sistemi tal-kontroll tal-klima, sistemi tal-awdjo u tal-midja, eċċ.)

- id-dettalji tat-tajers (mudell, daqs, pressjoni);

- il-punti fejn jinbidlu l-gerijiet speċifiċi għall-vettura;

- il-modalità tas-sewwieq attivata matul l-ittestjar;

- ir-reżistenzi ajrudinamiċi;

- ir-reżistenza tal-vettura tat-test milli tinqaleb;

- is-servizzi tekniċi użati f'kull stadju.

Dik il-kopja għandha tintbagħat permezz ta' sistema sigura u komuni ta' skambju elettroniku jew fil-forma ta' fajl elettroniku sigur.

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħarraf lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni bir-rifjut jew l-irtirar minnha ta' kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-UE, billi tagħti r-raġunijiet għad-Deċiżjoni tagħha.	4. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħarraf lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni bir-rifjut jew l-irtirar minnha ta' kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-UE, waqt li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. ***L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tinkludi fid-deċiżjoni motivata tagħha r-riżultati tat-testijiet kollha, inkluża minn tal-inqas data rigward:***
	- il-massa/piżijiet tal-vettura tat-test
	- it-temperatura tat-test;
	- il-koeffiċjenti tat-tagħbija fit-triq;
	- it-tagħmir mhux essenzjali użat matul l-ittestjar (sistemi tal-kontroll tal-klima, sistemi tal-awdjo u tal-midja, eċċ.);

	- id-dettalji tat-tajers (mudell, daqs, pressjoni);
	- il-punti fejn jinbidlu l-gerijiet speċifiċi għall-vettura;
	- il-modalità tas-sewwieq attivata matul l-ittestjar;
	- ir-reżistenzi ajrudinamiċi;
	- ir-reżistenza tal-vettura tat-test milli tinqaleb;
	- is-servizzi tekniċi użati f'kull stadju.
	Id-deċiżjoni motivata tagħha għandha tintbagħat permezz ta' sistema sigura u komuni ta' skambju elettroniku jew fil-forma ta' fajl elettroniku sigur.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha taġġorna d-databażi pubblika fuq l-internet imsemmija fl-Artikolu 10(2a) meta tinħareġ jew tiġi rtirata approvazzjoni tat-tip ġdida, u kull meta jinstab nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament jew tittieħed kwalunkwe azzjoni ta' rimedju. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tinkludi fl-aġġornament id-data speċifikata fil-paragrafu 1 jew 3.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-manifattur għandu jipprovdi ***lill-awtorità tal-approvazzjoni*** bil-vetturi, is-	2. Il-manifattur għandu jipprovdi ***lis-servizz tekniku*** bil-vetturi, is-sistemi, il-

sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma mitluba skont l-atti rilevanti elenkati fl-Anness IV għat-twettiq tat-testijiet meħtieġa.	komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma mitluba skont l-atti rilevanti elenkati fl-Anness IV għat-twettiq tat-testijiet meħtieġa.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-testijiet meħtieġa għandhom jitwettqu fuq ***dawk*** il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li huma rappreżentattivi tat-tip li jrid jiġi approvat.	3. It-testijiet meħtieġa għandhom jitwettqu fuq il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li huma rappreżentattivi tat-tip li jrid jiġi approvat. ***Meta jkunu qed iwettqu testijiet relatati mal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha, l-awtoritajiet għandhom jiżguraw li l-vetturi magħżula għall-ittestjar ma jkunux tali li jwasslu għal riżultati sistematikament divergenti mill-prestazzjoni ta' dawk il-vetturi meta jitħaddmu taħt kundizzjonijiet li jista' jkun raġonevolment mistenni li se jiġu ffaċċjati fit-tħaddim u fl-użu normali.***

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha, l-awtoritajiet għandhom jiżguraw li l-vetturi magħżula għall-ittestjar ma jkunux tali li jwasslu għal riżultati sistematikament divergenti mill-prestazzjoni ta' dawk il-vetturi meta jitħaddmu taħt kundizzjonijiet li jista' jkun raġonevolment mistenni li se jiġu ffaċċjati fit-tħaddim u fl-użu normali.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta tkun qed twettaq ittestjar ta' verifika skont il-paragrafi 2 u 4, awtorità tal-approvazzjoni għandha tiddeżinja servizz tekniku differenti minn dak użat matul l-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip oriġinali.

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Struttura tat-tariffi nazzjonali għall-approvazzjonijiet tat-tip u ***l-kostijiet*** tas-sorveljanza tas-suq	***Il-finanzjament*** għall-approvazzjonijiet tat-tip u ***l-ispejjeż*** tas-sorveljanza tas-suq

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***struttura tat-tariffi nazzjonali*** sabiex ikopru ***l-kostijiet*** għall-attivitajiet ta' approvazzjonijiet tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq tagħhom kif ukoll għall-ittestjar u l-ispezzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-produzzjoni mwettqin mis-servizzi tekniċi ***li għażlu***.	1. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess, duplikazzjoni ta' funzjonijiet jew rabtiet kummerċjali bejn l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jew l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq nazzjonali, is-servizzi tekniċi u l-manifatturi. Għal dak l-għan, huma għandhom*** jistabbilixxu ***dispożizzjonijiet dwar finanzjament indipendenti u trasparenti,*** sabiex ikopru ***l-ispejjeż*** għall-attivitajiet ta' approvazzjonijiet tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq tagħhom**,** kif ukoll għall-ittestjar u l-ispezzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-produzzjoni mwettqin mis-servizzi tekniċi ***ddeżinjati minnhom***.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dawn ***it-tariffi nazzjonali*** għandhom ***ikunu*** imposti fuq il-manifatturi li jkunu applikaw għall-approvazzjoni tat-tip fl-Istat Membru kkonċernat. ***It-tariffi*** ma għandhomx ***ikunu*** imposti direttament mis-servizzi tekniċi.	2. Dawn ***il-ħlasijiet*** għandhom ***jiġu*** imposti fuq il-manifatturi li jkunu applikaw għall-approvazzjoni tat-tip fl-Istat Membru kkonċernat. ***Il-ħlasijiet*** ma għandhomx ***jiġu*** imposti direttament mis-servizzi tekniċi.

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll li jiġu imposti ħlasijiet amministrattivi fuq il-manifatturi bi qbil mal-għadd ta' vetturi mibjugħin fis-suq tal-Unjoni kull sena. Dawn il-ħlasijiet għandhom jiġu riżervati biex jiffinanzjaw l-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip mis-servizzi tekniċi u l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq bi qbil mal-Artikolu 8.

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Sal-2020, il-Kummissjoni għandha tivvaluta d-dispożizzjonijiet ta' finanzjament tal-Istati Membri. Meta twettaq dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha teżamina l-possibbiltajiet biex tiġi stabbilita struttura ta' ħlasijiet għall-Unjoni kollha kemm hi biex tkopri l-

ispejjeż għall-approvazzjoni tat-tip u l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq sabiex ikun hemm struttura ta' ħlasijiet konsistenti madwar l-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll il-possibbiltà li tintroduċi imposta fuq ir-reġistrazzjoni (jiġifieri fuq il-bejgħ ta' vetturi ġodda), li permezz tagħha jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati t-testijiet b'implimentazzjoni estensiva.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tagħha u, jekk xieraq, għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva.

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-approvazzjonijiet tat-tip għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jinħarġu għal perjodu limitat ta' ***5*** snin mingħajr il-possibbiltà ta' tiġdid. Id-data ta' skadenza għandha tiġi indikata fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip. Wara l-iskadenza taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip, dan ***jista' jiġġedded*** wara applikazzjoni mill-manifattur ***u*** biss meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip ta' vettura, sistema, komponent u unità teknika separata huwa konformi mar-rekwiżiti kollha tal-atti regolatorji rilevanti għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati ġodda ta' dak it-tip.	1. L-approvazzjonijiet tat-tip għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jinħarġu għal perjodu limitat ta' ***tmien*** snin mingħajr il-possibbiltà ta' tiġdid. Id-data ta' skadenza għandha tiġi indikata fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip. Wara l-iskadenza taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip, dan ***għandu jinħareġ mill-ġdid mingħajr kontrolli,*** wara applikazzjoni mill-manifattur biss meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li ***ma kien hemm l-ebda bidla għat-tip ta' vettura, sistema, komponent u unità teknika separata kkonċernati u li*** t-tip ta' vettura, sistema, komponent u unità teknika separata ***kkonċernati*** huwa konformi mar-rekwiżiti kollha tal-atti regolatorji rilevanti għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati ġodda ta' dak it-tip.

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-persuni awtorizzati biex jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' konformità għandhom jiġu impjegati mill-manifattur u jkunu debitament awtorizzati sabiex jieħdu r-responsabbiltà legali ***sħiħa*** tal-manifattur fir-rigward tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-vettura jew fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni tagħha.	4. Il-persuni awtorizzati biex jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' konformità għandhom jiġu impjegati mill-manifattur u jkunu debitament awtorizzati sabiex jieħdu r-responsabbiltà legali tal-manifattur fir-rigward tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-vettura jew fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni tagħha.

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 6 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa għal aċċess armonizzat għad-data mill-partijiet ikkonċernati meħtieġa jkunu sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta att delegat bi qbil mal-Artikolu 88 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jippermetti s-sostituzzjoni sħiħa taċ-ċertifikat stampat tal-konformità biċ-ċertifikat elettroniku tal-konformità.

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed li ħadu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, jew li ***għandhom*** raġuni suffiċjenti sabiex jemmnu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika	1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed li ***jkunu*** ħadu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, jew li ***jkollhom*** raġuni suffiċjenti sabiex jemmnu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika

separata koperti minn dan ir-Regolament jippreżentaw riskju ***serju*** għas-saħħa jew għas-sigurtà tal-persuni jew għal aspetti oħrajn tal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament, għandhom jgħarrfu mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni dwar is-sejbiet tagħhom.	separata koperti minn dan ir-Regolament jippreżentaw riskju ***għall-ambjent,*** għas-saħħa jew għas-sigurtà tal-persuni jew għal aspetti oħrajn tal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament, għandhom jgħarrfu mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni dwar is-sejbiet tagħhom.

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità tal-approvazzjoni msemmija ***f'paragrafu*** 1 għandha twettaq evalwazzjoni fir-rigward tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati li tkun tkopri r-rekwiżiti kollha stipulati f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw b'mod sħiħ mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq.	L-awtorità tal-approvazzjoni msemmija ***fil-paragrafu*** 1 għandha twettaq evalwazzjoni fir-rigward tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati***,*** li tkun tkopri r-rekwiżiti kollha stipulati f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw b'mod sħiħ mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq ***u għandhom ituhom aċċess mingħajr dewmien għal kwalunkwe informazzjoni rikjesta***.

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati konformi li jippreżentaw riskju serju ***għas-sikurezza*** jew ***ħsara serja lis-saħħa*** u ***l-ambjent***	Vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati konformi li jippreżentaw riskju serju ***għall-ambjent,*** jew ***għas-saħħa*** u ***s-sikurezza***

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 49(1), Stat Membru jsib li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, għalkemm ***huma*** konformi mar-rekwiżiti applikabbli jew ***huma*** mmarkati kif suppost, jippreżentaw riskju serju għas-sikurezza ***jew jistgħu jkunu ta' dannu serju*** għall-ambjent jew għas-saħħa ***pubblika***, huwa għandu ***jitlob lill-operatur*** ekonomiku rilevanti ***sabiex*** jieħu l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jiżgura li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata kkonċernati, meta jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz, ma jibqgħux jippreżentaw dak ir-riskju, jew inkella għandu jieħu miżuri restrittivi ***sabiex jirtira*** l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata mis-suq jew ***sabiex isejħilhom*** lura fi żmien raġonevoli, skont in-natura tar-riskju.	Meta, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 49(1), Stat Membru jsib li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, għalkemm ***ikunu*** konformi mar-rekwiżiti applikabbli jew ***ikunu*** mmarkati kif suppost, jippreżentaw riskju serju għas-sikurezza***,*** għall-ambjent jew għas-saħħa, huwa għandu ***jirrikjedi li l-operatur*** ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jiżgura li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata kkonċernati, meta jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz, ma jibqgħux jippreżentaw dak ir-riskju, jew inkella għandu jieħu miżuri restrittivi ***li jirrikjedu li*** l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata ***jiġu rtirati*** mis-suq jew ***toħroġ sejħa biex jinġabru*** lura fi żmien raġonevoli, skont in-natura tar-riskju.

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istat Membru ***jista'*** jirrifjuta li jirreġistra tali vetturi sakemm l-operatur ekonomiku jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa.	L-Istat Membru ***għandu*** jirrifjuta li jirreġistra tali vetturi sakemm l-operatur ekonomiku jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa.

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati akkumpanjati	1. Meta vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati akkumpanjati

b'ċertifikat ta' konformità jew li jkollhom marka ta' approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat, jew ma jkunux konformi ma' dan ir-regolament jew ikunu ġew approvati fuq il-bażi ta' data mhux korretta, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew il-Kummissjoni ***jistgħu*** jieħdu l-miżuri restrittivi meħtieġa skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008***, li jipprojbixxi jew jirrestrinġi*** t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi, jew ***jirtirawhom*** minn dak is-suq jew ***isejħulhom*** lura, inkluż l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip mill-awtorità tal-approvazzjoni tal-UE, sakemm l-operatur ekonomiku rilevanti jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jiżgura li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jinġiebu f'konformità.

b'ċertifikat ta' konformità jew li jkollhom marka ta' approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat, jew ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament jew ikunu ġew approvati fuq il-bażi ta' data mhux korretta, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew il-Kummissjoni ***għandhom*** jieħdu l-miżuri restrittivi meħtieġa skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 ***biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu*** t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi, jew ***jirrikjedu li jiġu rtirati*** minn dak is-suq jew ***issir sejħa biex jinġabru*** lura, inkluż l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip mill-awtorità tal-approvazzjoni tal-UE, sakemm l-operatur ekonomiku rilevanti jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jiżgura li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati ***kkonċernati*** jinġiebu f'konformità.

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta awtorità tal-approvazzjoni jew awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ma jkunux f'konformità ma' dan ir-Regolament jew li din l-approvazzjoni tat-tip ingħatat abbażi ***ta'dejta*** inkorretta jew li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità jew li jkollhom marka ta' approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat, ***tista'*** tieħu l-miżuri ta' restrizzjoni xierqa skont l-Artikolu 53(1).	1. Meta awtorità tal-approvazzjoni jew awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ma jkunux f'konformità ma' dan ir-Regolament jew li din l-approvazzjoni tat-tip ingħatat abbażi ***ta' data*** inkorretta jew li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità jew li jkollhom marka ta' approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat, ***għandha*** tieħu l-miżuri ta' restrizzjoni xierqa skont l-Artikolu 53(1).

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 64 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 64a
	Informazzjoni għall-korpi ta' kontroll tekniku tal-vetturi u l-korpi ta' tiswija u manutenzjoni
	It-testijiet ta' kontroll iridu jsiru fuq il-vetturi f'diversi stadji ta' ħajjiethom, b'mod partikolari meta jsiru l-kontrollli tekniċi tal-vetturi, sabiex jiġi żgurat li l-emissjonijiet jibqgħu konsistenti tul ħajjiethom. L-operaturi indipendenti, inklużi ċ-ċentri ta' kontroll tekniku tal-vetturi, konsegwentement irid ikollhom aċċess għal informazzjoni adegwata mill-manifatturi u għal tagħmir ta' kejl li jkun ekwivalenti għal dak li jintuża għall-approvazzjoni tat-tip.

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-operaturi indipendenti għandhom jingħataw aċċess fl-istess ħin għall-istess kontenut bħall-manifatturi u l-bejjiegħa awtorizzati tagħhom b'rabta mal-għoti ta' appoġġ dijanjostiku mill-bogħod. Madankollu, l-operaturi indipendenti ma jistgħux jaħżnu d-data u l-informazzjoni li tkun saret aċċessibbli għalihom u għandhom jiġu rikjesti jħassru tali data u informazzjoni immedjatament wara li jkun ġie pprovdut l-appoġġ dijanjostiku mill-bogħod.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 10 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	10a. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 88 li jemenda dan ir-Regolament billi toħloq Anness XVIIIA li jindirizza l-iżviluppi teknoloġiċi fil-qasam tal-iskambju tad-data diġitali permezz ta' netwerk fuq żona wiesgħa mingħajr fili, filwaqt li tiżgura l-aċċess dirett kontinwu għad-data u r-riżorsi abbord il-vettura għall-operaturi indipendenti u n-newtralità kompetittiva mill-mument tad-disinn tekniku.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 69 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-operaturi għandhom ikunu intitolati, kemm b'mod indipendenti u kemm permezz ta' assoċjazzjoni, jagħmlu lment lill-awtorità nazzjonali tagħhom stess, li fi żmien tliet xhur għandha tinvestiga l-ilment u tivverifika l-konformità tal-vettura kkonċernata.

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità tal-approvazzjoni ***magħżula*** mill-Istat Membru skont l-Artikolu 7(3), minn hawn 'il quddiem ***issir referenza għaliha bħala*** 'l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip' għandha tkun	1. L-awtorità tal-approvazzjoni ***ddeżinjati*** mill-Istat Membru skont l-Artikolu 7(3), minn hawn 'il quddiem ***imsejħa*** 'l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip' għandha tkun responsabbli għall-

responsabbli għall-valutazzjoni, id-dežinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi, inklużi, fejn xieraq, is-sottokuntratturi jew sussidjarji ta' dawk is-servizzi tekniċi.	valutazzjoni, id-dežinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi, inklużi, fejn xieraq, is-sottokuntratturi jew sussidjarji ta' dawk is-servizzi tekniċi. ***L-Istati Membri jistgħu jiddelegaw il-kompitu tal-valutazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn is-servizzi tekniċi, jew tas-sottokuntratturi jew is-sussidjarji ta' dawk is-servizzi tekniċi, lil korp ta' akkreditazzjoni nazzjonali.***

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-attività ta' awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' tiġi sospiża, b'mod temporanju jew permanenti, mill-Kummissjoni fil-każ ta' nuqqas serju minn dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha.

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom ifasslu l-pjan annwali għall-evalwazzjoni bejn il-pari, ***billi jiżguraw*** rotazzjoni xierqa fir-rigward tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip li jagħmlu ***r-reviżjoni*** u dawk soġġetti ***għaliha***, u ***mbagħad jissottomettuh lill-Kummissjoni***.	***Il-Forum stabbilit mill-Artikolu 10 għandu jfassal programm ta' ħidma*** għall-evalwazzjoni bejn il-pari, ***u jiżgura*** rotazzjoni xierqa fir-rigward tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip li jagħmlu ***r-rieżami*** u dawk soġġetti ***għalih. Il-frekwenza tal-evalwazzjoni bejn il-pari kif ukoll il-kompożizzjoni tat-timijiet li jeżaminaw mill-ġdid lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip jistgħu jvarjaw skont l-għadd tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-kategoriji tal-vetturi jew tas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati mwettqa mill-awtorità rieżaminata fl-Istat***

Membru individwali.

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 8 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-evalwazzjoni bejn il-pari għandha tinkludi żjara fuq il-post lil servizz tekniku li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ***riveduta***. Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa ***fir-reviżjoni*** u tiddeċiedi ***dwar il-parteċipazzjoni tagħha abbażi tal-analiżi tal-valutazzjoni tar-riskju***.	L-evalwazzjoni bejn il-pari għandha tinkludi ***verifika tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u tal-implimentazzjoni korretta tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, kontroll ta' kampjun każwali tal-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa u*** żjara fuq il-post lil servizz tekniku li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ***riežaminata***. Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa ***fl-evalwazzjoni bejn il-pari*** u ***għandha*** tiddeċiedi ***abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju jekk tixtieqx tipparteċipa***.

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 8 – subparagrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jitħeġġu jiġu akkreditati bi qbil mal-istandards EN ISO.

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kategorija B: is-superviżjoni tat-testijiet imsemmija f'dan ir-Regolament u fl-atti elenkati fl-Anness IV, meta dawk it-testijiet jitwettqu fil-faċilitajiet ***tal-manifattur jew fil-faċilitajiet*** ta' parti terza;	(b) kategorija B: is-superviżjoni tat-testijiet imsemmija f'dan ir-Regolament u fl-atti elenkati fl-Anness IV, meta dawk it-testijiet jitwettqu fil-faċilitajiet ta' parti terza; ***din il-kategorija ta' testijiet hija soġġetta għal deroga. It-testijiet tal-kategorija B m'għandhomx jiġu permessi***

	fil-każ ta' approvazzjonijiet tat-tip ta' vetturi sħaħ;

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 76 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Servizz tekniku intern għandu jkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:	***imħassar***
(a) ikun ġie akkreditat minn entità ta' akkreditazzjoni nazzjonali kif definit fil-punt 11 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u b'konformità mal-Appendiċijiet 1 u 2 għall-Anness V għal dan ir-Regolament;	
(b) is-servizz tekniku intern, inkluż il-persunal tiegħu, huwa identifikabbli fuq livell organizzazzjonali u għandu metodi ta' rapportar fil-kumpanija tal-manifattur li jifformaw parti minnha li jiżguraw l-imparzjalità tiegħu u juri dik l-imparzjalità lill-entità ta' akkreditazzjoni nazzjonali rilevanti;	
(c) la s-servizz tekniku intern u lanqas il-persunal tiegħu ma jkun involut f'attività li tista' tkun konfliġġenti mal-indipendenza jew l-integrità tiegħu sabiex iwettaq l-attivitajiet li għalihom inħatar;	
(d) huwa jforni s-servizzi tiegħu esklussivament lill-kumpanija tal-manifattur li minnha jifforma parti.	

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 80 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien xahrejn mill-finalizzazzjoni ta' din il-valutazzjoni tas-servizz tekniku, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw ***għand il-Kummissjoni*** u ***għand l-Istati***	Fi żmien xahrejn mill-finalizzazzjoni ta' din il-valutazzjoni tas-servizz tekniku, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw ***lill-Kummissjoni*** u ***lill-Istati*** Membri l-oħrajn

Membri l-oħrajn dwar dawk l-attivitajiet tal-monitoraġġ. Ir-rapporti għandu jkun fihom sommarju tal-valutazzjoni li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni pubblika.	dwar dawk l-attivitajiet tal-monitoraġġ ***mingħajr ma dan jirriżulta f'żieda fil-piż f'termini ta' riżorsi amministrattivi jew umani.*** Ir-rapporti għandu jkun fihom sommarju ***sħiħ*** tal-valutazzjoni li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni pubblika.

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 81 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn tkun inġibditilha l-attenzjoni għat-tħassib dwar il-kompetenza ta' servizz tekniku jew dwar il-konformità kontinwa minn servizz tekniku mar-rekwiżiti u ***tar-responsabbiltajiet*** li għalihom ***hija soġġetta*** skont dan ir-Regolament. Tista' tiftaħ it-tali investigazzjonijiet fuq inizjattiva tagħha stess ukoll.	Il-Kummissjoni***, f'ħidma mal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru kkonċernat,*** għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn tkun inġibditilha l-attenzjoni għat-tħassib dwar il-kompetenza ta' servizz tekniku jew dwar il-konformità kontinwa minn servizz tekniku mar-rekwiżiti u ***mar-responsabbiltajiet*** li għalihom ***huwa soġġett*** skont dan ir-Regolament. Tista' tiftaħ it-tali investigazzjonijiet fuq inizjattiva tagħha stess ukoll.

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 81 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha ***tikkonsulta l-awtorità*** tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn ***huwa*** stabbilit is-servizz tekniku bħala parti mill-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ta' dak l-Istat Membru għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, fuq talba, bl-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-prestazzjoni u l-konformità ***min-naħa*** tiegħu ***tar-rekwiżiti*** li jikkonċernaw l-indipendenza u l-kompetenza ***tas-servizz tekniku kkonċernat***.	2. Il-Kummissjoni għandha ***tikkopera mal-awtorità*** tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn ***ikun*** stabbilit is-servizz tekniku bħala parti mill-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ta' dak l-Istat Membru għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, fuq talba, bl-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-prestazzjoni ***tas-servizz tekniku kkonċernat*** u l-konformità tiegħu ***mar-rekwiżiti*** li jikkonċernaw l-indipendenza u l-kompetenza.

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 86 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jimponu ***tariffi*** fuq is-servizzi tekniċi li jkun qegħdin japplikaw li ***jinħatru*** fit-territorju tagħhom biex ikopru ***b'mod sħiħ jew parzjali***, ***il-kostijiet*** marbutin mal-attivitajiet eżerċitati mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-servizzi tekniċi skont dan ir-Regolament.	1. L-Istati Membri għandhom jimponu ***ħlasijiet*** fuq is-servizzi tekniċi li jkun qegħdin japplikaw ***biex jiġu ddeżinjati u*** li ***jkunu stabbiliti*** fit-territorju tagħhom biex ikopru, ***l-ispejjeż*** marbutin mal-attivitajiet eżerċitati mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-servizzi tekniċi skont dan ir-Regolament.

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 88 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 22(3), fl-Artikolu 24(3), ***l-Artikolu*** 25(5), fl-Artikolu 26(2), fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 29(6), fl-Artikolu 34(2), fl-Artikolu 55(2) u (3), fl-Artikolu 56(2), fl-Artikolu 60(3), fl-Artikolu 65(10), fl-Artikolu 76(4) u fl-Artikolu 90(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu ***8(10), fl-Artikolu*** 10(3), fl-Artikolu 22(3), fl-Artikolu 24(3), ***fl-Artikolu*** 25(5), fl-Artikolu 26(2), fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 29(6), fl-Artikolu 34(2), fl-Artikolu 55(2) u (3), fl-Artikolu 56(2), fl-Artikolu 60(3), fl-Artikolu 65(10), fl-Artikolu 76(4) u fl-Artikolu 90(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 88 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 22(3), fl-Artikolu 24(3),	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(2), ***fl-Artikolu 8(10),*** fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 22(3),

fl-Artikolu 25(5), fl-Artikolu 26(2), fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 29(6), fl-Artikolu 34(2), fl-Artikolu 55(2) u (3), fl-Artikolu 56(2), fl-Artikolu 60(3), fl-Artikolu 65(10), fl-Artikolu 76(4) u fl-Artikolu 90(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li huwa diġà fis-seħħ.

fl-Artikolu 24(3), fl-Artikolu 25(5), fl-Artikolu 26(2), fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 29(6), fl-Artikolu 34(2), fl-Artikolu 55(2) u (3), fl-Artikolu 56(2), fl-Artikolu 60(3), fl-Artikolu 65(10), fl-Artikolu 76(4) u fl-Artikolu 90(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li huwa diġà fis-seħħ.

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 88 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 22(3), l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(5), l-Artikolu 26(2), l-Artikolu 28(5), l-Artikolu 29(6), l-Artikolu 34(2), l-Artikolu 55(2) u (3), l-Artikolu 56(2), l-Artikolu 60(3), l-Artikolu 65(10), l-Artikolu 76(4) u l-Artikolu 90(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(2), ***l-Artikolu 8(10),*** l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 22(3), l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(5), l-Artikolu 26(2), l-Artikolu 28(5), l-Artikolu 29(6), l-Artikolu 34(2), l-Artikolu 55(2) u (3), l-Artikolu 56(2), l-Artikolu 60(3), l-Artikolu 65(10), l-Artikolu 76(4) u l-Artikolu 90(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-iffalsifikar tar-riżultati ***tat-test*** għall-approvazzjoni ***skont it-tip***;	(b) l-iffalsifikar tar-riżultati ***tat-testijiet*** għall-approvazzjoni ***tat-tip, li jfisser li ma tistax issir riproduzzjoni tar-riżultati b'mod empiriku f'ambjent ġdid ta' ttestjar fejn il-kundizzjonijiet u l-valuri jistgħu jiġu vverifikati mill-awtorità rilevanti***;

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 90 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-multi amministrattivi imposti mill-Kummissjoni ***ma għandhomx ikunu*** addizzjonali għall-penali imposti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 89 għall-istess ksur ***u*** ma għandhomx jaqbżu t-EUR 30 000 għal kull vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li ma ***tikkonformax***.	Il-multi amministrattivi imposti mill-Kummissjoni ***jistgħu jkunu*** addizzjonali għall-penali imposti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 89 għall-istess ksur ***imma*** ma għandhomx jaqbżu t-EUR 30 000 għal kull vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li ma ***tkunx konformi***.

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 90 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 90a
	Rieżami tal-qafas istituzzjonali għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-approvazzjoni tat-tip
	1. Sa Diċembru 2018, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami bil-ħsieb li tivvaluta l-alternattivi kollha possibbli biex ittejjeb il-qafas istituzzjonali għas-superviżjoni tas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-approvazzjoni tat-tip, inkluż l-istabbiliment ta' awtorità Ewropea indipendenti għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-approvazzjoni tat-tip. B'mod partikolari, matul dak ir-

	riežami, il-Kummissjoni għandha teżamina:
	(a) il-mod l-aktar xieraq biex tiżgura grad għoli ta' għarfien espert, armonizzazzjoni tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip u kontrolli ta' sorveljanza waqt l-użu, u garanzija ta' indipendenza, bil-ħsieb li tiżgura l-funzjonament effiċjenti tas-suq intern għall-benefiċċju tal-konsumaturi u l-impriżi, kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika u l-ambjent;
	(b) il-ħtiġijiet biex tiżgura t-trasparenza, tevita l-kunflitt ta' interessi, u tissemplifika l-kompiti superviżorji amministrattivi.
	Il-Kummissjoni għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet possibbli tal-Kumitat EMIS.
	Malli tlesti r-rieżami tagħha, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva.

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 90 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 90a
	Skadenza tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni
	Is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni kif imsemmija fl-Artikolu 9(1), (2), (3) u (5) u fl-Artikoli 51, 53, 54, 58, 77, 78, 79, 80, 81 u 82 għandhom jieqfu japplikaw ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Approval and market surveillance of motor vehicles and their trailers, and of systems, components and separate technical units intended for such vehicles
Referenzi	COM(2016)0031 – C8-0015/2016 – 2016/0014(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 4.2.2016
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 4.2.2016
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Karima Delli 2.5.2016
Eżami fil-kumitat	12.7.2016 1.9.2016 11.10.2016
Data tal-adozzjoni	5.12.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 34 –: 6 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Daniela Aiuto, Lucy Anderson, Marie-Christine Arnautu, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Deirdre Clune, Michael Cramer, Andor Deli, Karima Delli, Isabella De Monte, Jacqueline Foster, Bruno Gollnisch, Tania González Peñas, Dieter-Lebrecht Koch, Merja Kyllönen, Miltiadis Kyrkos, Bogusław Liberadzki, Peter Lundgren, Marian-Jean Marinescu, Georg Mayer, Gesine Meissner, Renaud Muselier, Jens Nilsson, Salvatore Domenico Pogliese, Tomasz Piotr Poręba, Gabriele Preuß, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, David-Maria Sassoli, Claudia Schmidt, Keith Taylor, Pavel Telička, István Ujhelyi, Wim van de Camp, Janusz Zemke
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Grapini, Werner Kuhn, Ramona Nicole Mănescu, Matthijs van Miltenburg
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jeroen Lenaers